**Konna bħalek ... għad tkun bħalna**

Kont mistieden għall-quddiesa
Ġewwa knisja wisq sabiħa,
Għandha presbiterju għoli
Minnu tara l-knisja sħiħa.

Niftakar kienet quddiesa
Iddedikata għall-mejtin,
Li ħallewna x-xahar ta' qabel
Issa jistrieħu mħaddnin;

Ma' dak Alla, ħabbewh b'qalbhom
Kemm ippruvaw jogħġbuh bil-kbir,
Imma ta' bnedmin li kienu
Dinbu, bl-għaġla jew bit-tnikkir.

Il-patri li qaddes semma
X'kien ra ġewwa ċimiterju,
Ra kitba tgħidx kemm kellmietu
Qalhielna mill-presbiterju.

"Konna bħalek ... għad tkun bħalna"
Twissija mhux taċ-ċajt,
Ejjew mela nisimgħuha
Mhux għalina kollox orrajt.

Ejjew mela nħejju ruħna
Jaf illum l-aħħar ta' ħajti,
Ejja nindem minn dnubieti
Hekk Kristu jgħidli: "Ilqajtni".

F'kull mument ħa ngħixu sewwa
Inħobbu ħafna lil kulħadd,
Nitolbu, naħfru, insumu,
F'barkitna ma ninsew lil ħadd.

Lill-erwieħ tal-Purgatorju
Ħa noffrulhom ħafna quddies,
Għax b'hekk tassew inħobbuhom
B'dik l-imħabba vera bla qjies.

Karità tal-karitajiet
Quddiesa offruta lilhom,
Ejja nemmnu fil-qdusija
Iġri nfittxu nagħmluhielhom.

U minn dan kollu ma jemmnux
Għalih nitolbu ħa jemmnu,
Għax l-erwieħ mill-Purgatorju

Talb iridu mhux li ngemgmu.

Għax Kristu kien li qalilna
Min veru jħobbu ma jparlax,
Imma jħobb b'atti konkreti
Li l-għajn kurjuża ma tarax.

Għax meta nidhru quddiemu
L-eżami se jkun b'onestà,
Mhux kemm ippridkajna li jgħodd
'Mma kemm għamilna karità.

Kelma għal min tih jiġġudika
Mhux aħjar tara x'tagħmel int?
Biddel ħajtek qabel titlaq
Issalva ruħek jekk iċċekkint.

Itlobhom lill-għeżież ħutna
Fil-Purgatorju jissaffew,
Tgħallem minnhom u kun għaqli
Qis kemm għal għemilhom batew.

Patri Mario Attard OFM Cap
14 ta' Novembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.